MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 402/2006

Kawza fil-lista: 18

**A B u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2009**

**gie mahtur C B bhala kuratur *ad litem***

**vs**

**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-dsatax ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (19.05.2001), skond ma jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, senjatament Chelle Marie ta' erba' (4) snin.

3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti konjugi B tkisser irremedjabbilment u l-hajja matrimonjali ta' bejniethom saret impossibli minhabba theddid, sevizzi, eccessi, mohqrija, ingurji gravi kif ukoll vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-esponenti.

4. Illi l-esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex issalva z-zwieg b'dan illi l-konvenut xorta wahda baqa' abbuziv fil-konfront taghha.

5. Illi effetivament kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn il-konvenut kien fizikament u psikologikament abbuziv fil-konfront ta' l-esponenti, u dan kagun tan-nuqqas tal-kapacitajiet mentali tal-konvenut, u dan kif se jigi kkonfermat mill-provi li se jingabru fil-kawza odjerna.

6. Illi in oltre rigward il-minuri msemmi, kienet dejjem l-esponenti li hadet hsieb u segwiet l-izvilupp ta' bintha u dan fin-nuqqas ta' kwalunkwe ghajnuna da parti tal-konvenut.

7. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' digriet mghoti minn din l-Onorabbli Qorti datat 18 ta' Ottubru 2006.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u imputabbli unikament u esklussivament lill-konvenut.

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-bint minuri Chelle Marie jigu fdati unikament u esklussivament f'idejn l-esponenti fl-ahjar interess ta' l-istess minuri.

3. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment adegwat ghall-istess esponenti u ghall-minuri Chelle Marie. F'kaz illi jirrizulta li dan ma huwiex possibli ghall-konvenut, tordna illi

s-sehem spettanti lilu mir-residenza matrimonjali formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigi assenjat lir-rikorrenti u bintha minuri Chelle Marie bhala hlas ta' dak li hu rapprezentanti tal-manteniment.

4. Tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, u 51 sa 55A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut u favur l-esponenti.

5. Tiddikjara, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, x-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, b'mod illi jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet skond il-Ligi, filwaqt illi jigu dikjarati proprjeta' unika ta' l-attrici dawk l-oggetti parafernali taghha.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci.

7. Tordna li ssir l-annotazzjoni relattiva tas-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi minn issa qieghed ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti ipprezentati mill-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut D B ipprezentata minn C B mahtur kuratur *ad litem* tal-konvenut in forza ta’ digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Jannar 2009, li taqra hekk:-

1. “Permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti CiviIi [Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja], datat 26 ta' Marzu, 2008, l-esponenti gie mahtur kuratur ta' ibnu Carmel B, li, ukoll permezz ta' l-istess digriet, gie inabilitat milli jaghmel dawk l-atti li ma humiex ta' semplici amministrazzjoni skond l-Artikolu 524 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk mhux bil-ghajnuna ta' l-istess esponenti.

2. Il-konvenut D B huwa affett minn zewg kundizzjonijiet psikjatrici, u cioe Schizzoaffective Disorder u Huntiongton's Disorder hekk kif iccertifikat mill-konsulenta psikjatrika kuranti tieghu Dr. Ethel Felice M.D., B.C. Psych (Lond). M. Phil (Keele). Tali

kundizzjonijiet huma tat-tip degenerativ u mhux biss huma qerrieda imma jwasslu wkoll ghal regressjoni serja u mghaggla.

3. Fil-mertu. l-esponenti jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata l-firda personali bejn 1-attrici u ibnu D B izda mhux ghar-ragunijiet esposti fir-rikors guramentat de quo. Ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg tahti unikament l-attrici li rrendict ruhha hatja ta' eccessi, mohqrija, theddid, offiza gravi u abbandun b'mod illi l-hajja konjugali bojn il-partijiet giet reza mpossibbli w z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment dan specjalment fid-dawl tal-kundizzjonijiet psikjatrici illi huwa affett minnhom il-konvenut. Dawk ta' l-attrici huma biss allegazzjonijiet generici u gratwiti. Fl-ipotezi, li ma kienx hekk, non essendo compos mentis, il-konvenut ma jista' qatt jigi imputat bit-tkissir irrimedjabbli taz- zwieg de quo, dato ma non concesso illi huwa qatt fehem l-obbligi matrimonjali tieghu.

4. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti jaqbel ukoll li 1-attrici ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva ta' bint il-kontendenti dan pero' purche ibnu D B jinghata dritt ta' access liberu u ampju versu l-istess minorenni. Fuq dan il-mertu, l-esponenti jaghmel riferenza ghar-risposta intavolata in atti ta' dan ir-rikors guramentata datata 23 ta' Dicembru. 2008.

5. Fir-tielet lok, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suecccpit, il-konvenut D B fic-cirkostanzi, 1a ghandu, u lanqas jista', jivversa ebda retta alimentari, sia rateali jew f'forma ta' lump sum, ghall-htigijiet ta' l-attrici. Huwa jippercepixxi beneficcji socjali ammontanti ghal circa €466 mensilment. Huwa jghix ma, u jiddependi interament minn missieru l-esponenti. Huwa wkoll f’impossibilita li jahdem stante l-kundizzjonijiet psikjatrici tieghu. Min naha 1-ohra l-attrici tahdem u ghadha ta' eta' zghira bil-possibilita kollha li ssib impjieg; l-esponenti ma jafx hija tippercepix ukoll xi tip ta' ghajnuna socjali.

6. Fil-raba' lok, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-succepit, il-konvenut ghamel l-almu tieghu sabiex jigu evitati l-proceduri odjerni u l-firda personali bejn il-kontendenti tkun wahda konsenswali; tant illi huwa diga' offra s-somma ta' €32,610 f'forma ta' lump sum (liema lump sum titnaqqas mis-sehem tieghu tal-fond matrimonjali) bhala retta alimentari versu l-htigijiet ta' bintu minorenni hekk kif ser jirrizulta mill-provi u/jew waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna. Din l-offerta ma giex accettat mill-attrici li ppretendiet li l-konvenut jirrinunzja ghas-sehem kollu tieghu mill-istess fond, li kif ukoll ser jirrizulta huwa l-uniku patrimonju (asset) spettanti l-komunjoni ta' 1-akkwisti. Proprju minhabba dan, fi kwalsijasi kaz. L-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni ghandhom jigu ssupportati unikarncnt mill-attrici, stante illi dawn il-proceduri setghu facilment jigu evitati.

7. Fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-succepit, ma hemm ebda raguni valida fil-Ligi 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika fil-konfront tal-konvenut, id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 sa 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti jaqbel li ghandha tigi xjolta u likwidata l-komunjoni ta l-akwwisti ezistenti bejn il-konvenut D B u bejn l-attrici; dan purche kwalunkwe divizjoni ta' l-assi matrimonjali ghandha ssir b'rnod li tirrifletti mhux biss is-sehem ugwali illi l-partijiet ghandhom fl-istess komunjoni izda wkoll ir-ragunijict kollha li ghandhom iwasslu ghall-firda personali bejn il-partijiet u kif ukoll ic-cirkostanzi ta' l-istess partijiet. L-assi komunali jikkonsistu unikament fil-fond matrimonjali bl-indirizz 'Carven', Trig il-Kuncizzjoni, Marsaxlokk, Malta u l-garage hemm anness, u kif ukoll fil-mobbli kontenuti fl-istess fond. Perrnezz ta' nota ntavolata in atti ta' dan ir-rikors guramentat fil-15 ta' Ottubru, 2008, il-partijiet iddikjaraw li l-valur konkordat ta' dan il-fond huwa dak ta' €163,056.14.

9. Huwa jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

10. Salv, okkorrendo, risposta/i ulterjuri permessi mil-Ligi u jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet ta' l-attrici fl-intier taghhom, salv dawk mhux kontestati f'din ir-risposta, bl-ispejjez kollha kontra l-istess.[1]"

Rat il-lista ta' xhieda u lista ta' dokumenti tal-konvenut.

Rat ir-rapport tal-Perita Psikologa Carmen Sammut.[2]

Rat id-digriet moghti mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 2014[3] li permezz tieghu id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie ordnat jirregistra kif imiss id-decizzjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta tal-20 ta' Dicembru 2011 li ddikjarat null iz-zwieg ta' bejn il-partijiet celebrat fid-19 ta' Mejju 2001 kif konfermata bid-digriet tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tat-22 ta' Mejju 2012 u dan ai termini tal-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255).

---

[1] Fol. 61
[2] Fol. 140
[3] Fol. 441

Rat l-att taz-zwieg bl-annotament referibbli ghad-digriet appena citat.[4]

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 il-partijiet iddikjaraw illi in vista tal-fatt illi z-zwieg civili ta' bejn il-partijiet, kif anke dak religjuz, gie annullat ab inizio, l-ewwel u r-raba talba attrici ma baqghux aktar applikabbli in kwantu zwieg bejn il-partijiet qatt ma kien hemm. Ghaldaqstant il-partijiet iddikjaraw ukoll illi kien hemm qbil bejniethom li l-effetti mobbli li kien ghad hemm fid-dar matrimonjali ma kellhomx valur ta' sustanza u li dawn kellhom jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attrici minghajr l-obbligu ta' hlas ta' korrispettiv.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kuratur *ad litem* ghall-konvenut.[5]

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi.**

L-attrici spjegat illi qabel iz-zwieg hadd ma qalilha dwar il-mard mentali li minnu kien ibati l-konvenut. Mill-flus tal-paga kien jaghti lilha ghall-hajja u jzomm xi haga hu. Spjegat li ilhom is-snin issa separati *de facto* u qatt ma taha manteniment la ghaliha u l-anqas ghat-tifla minuri. Id-dar matrimonjali nxtrat qabel iz-zwieg u dehru fuq il-kuntratt kemm hi kif ukoll il-konvenut. Hemm karozza Maruti li kienet xtratha l-attrici qabel iz-zwieg li dwarha ma rrizultat ebda pretensjoni da parti tal-konvenut.

[4] Fol. 445
[5] Fol. 374

L-attrici xhedet illi t-tieg ghamlitu hi kollox spejjes taghha u t-tieg kien sewa daqs sitt elef liri Maltin (LM6000). Fis-seduta tal-25 ta` Novembru 2009 (a Fol.153) gew esebiti Doks.SC3 sa SC13 ircevuti tat-tieg taghhom li halset ghalihom hi (Fols.158 sa 170).

Hija tghid ukoll (a Fol.83) illi qabel iz-zwieg hija kienet harget xi tlett elef liri Maltin (LM3000) ohra apparti t-tieg. Kif diga nghad l-ircevuti huma esebiti mas-seduta tal-25 ta` Novembru 2009 (Fols.156 sa 172). A fol.84 tal-process tghid li l-washing machine xtratha hi qabel iz-zwieg, il-fridge u l-cooker xtrathom hi u kienet ukoll xtrat tumble drier, u dawn kollha qabel iz-zwieg (ircevuti esebiti fols.171,172)

Tghid ukoll illi qabel iz-zwieg zewgha kien ghamel madum tibjid u aluminium fid-dar (Fol.83)

L-attrici spjegat illi missierha kien ghamillhom fireplace, hnejjiet tal-gebel, washromm, u fetah gallarija kollox a spejjez tieghu. Tghid ukoll li fil-hlas tal-appogg missierha kien ghenhom u filwaqt li l-ghamara kien xtrahielha missierha qabel iz-zwieg, il-kamra tas-sodda tat-tifla u salott tathomlha ommha.

Fix-xhieda tieghu missier l-attrici Innocent Farrugia xhed[6] illi qabel iz-zwieg l-ghamara inxtrat minn flusu. Is-set tal-kamra tas-sodda xtrahulha hu u kien jiswa disa`mija u hamsin lira Maltin (LM950). Tahom ukoll is-salott li kien jiswa mitejn u hamsin lira (Lm250) u ghamillhom ukoll xoghol tal-gebel. Meta nxtara l-post kien sar is-saqaf biss u huwa kien ghamillhom l-opramorta u ghamillhom ukoll il-washroom. Jghid ukoll li ghamillhom tlett gallarijiet. Il-fireplace li diga ssemma u x-xoghol tal-gebel kollha minn flusu. Huwa jikkalkula li ghamel b'kemm jiswew hamest elef lira (Lm5000) xoghol. Dan sar kollu qabel id-data taz-zwieg tal-partijiet.

L-attrici tghid[7] illi wara z-zwieg kienu qalghu xi haga tal-flus u ghamlu l-bibien u t-tarag. Kienu ghamlu *life insurance* u li pero' kif wara li sseparaw *de facto* il-hlas tal-premium eventwalment twaqqaf.

Spjegat ukoll[8] illi l-minuri Chelle Marie ta` tlett xhur kienu ghamlulha polza ta' assikurazzjoni li kienet thallasha bic-children`s allowance taghha. Fethitilha wkoll ktieb il-bank li fih kienet

[6] Fol. 94
[7] Fol. 84

tiddepozita l-bilanc mic-children's allowance wara li jithallas il-premium tal-assikurazzjoni imsemmija.

L-attrici resqet bhala xhud rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c.[9] li xhed illi mir-ricerka fuq iz-zewg partijiet A B u D B hemm kont kongunt savings nru 40010645774 b'bilanc ta' €29.72; kont iehor f`isem A B account Chelle Marie li huwa a young saver`s account nru 400118817353 b'bilanc ta' €2,793.28; kont iehor Young saver`s account ukoll f`isem A B account Chelle Marie nru.40013396716 b'bilanc ta' €1,695.63; kont iehor Savings Account f`isem A B nru 40015215989 b'bilanc ta' €58.90[10]. Kont iehor savings intestat f'isem l-attrici inghalaq xi sitt snin qabel infethet il-kawza.

**Manteniment**.

L-attrici spjegat illi wara li l-konvenut gie rikoverat l-Isptar Monte Carmeli il-manteniment li kien jivversa waqaf kompletament. Hija spjegat li tircevi circa erba' mitt ewro fix-xahar bhala ghajnuna socjali ghaliha u ghat-tifla, oltre c-children's allowance. Tghid li l-istat ta' sahha taghha ma jippermettiliex li tahdem.

**Access tal-konvenut versu bintu minuri**.

Fis-seduta tas-17 ta` Jannar 2013[11] missier il-konvenut, il-kuratur *ad litem* C B, ikkonferma li l-konvenut D B qed jara lil bintu minuri Chelle Marie gewwa d-dar tieghu. Huwa jaraha kull tlett gimghat w iggibha l-attrici A B jew missierha jigifieri missier A B. Huwa jghid li m`hemm l-ebda problema dwar l-access tat-tifla u fejn jidhlu t-tfal m`ghandhom l-ebda problema. Jghid ukoll illi fejn jidhol manteniment ibnu ma jhallasx manteniment. Jikkonferma li minn mindu dahal l-Isptar ibnu ma thallsu ebda flus lill-attrici. Jikkonferma wkoll li l-minuri tirrisjedi mal-attrici li min-naha taghha tiehu hsieb il-htigijiet kollha tal-minuri..

**Inabilitazzjoni tal-konvenut**.

---

[8] Fol. 90
[9] Fol. 186
[10] Fol. 224 sa 256
[11] Fol. 358

Jirrizulta li l-konvenut gie inabilitat b'digriet tas-26 ta' Marzu 2008 u li missieru gie nominat kuratur tieghu. Omm il-konvenut mietet fis-sena 1987

Jirrizulta wkoll illi l-konvenut huwa marid bil-marda bl-isem Scizzoaffective u Huntington`s disorder . Din il-marda hija wahda serja hafna u hija degenerativa, cioe' mat-trapass taz-zmien qed taggrava bil-konsegwenza li l-kondizzjoni tal-konvenut qeghda kull ma tmur taggrava. Jghid li din hija marda ereditarja u li omm il-konvenut kienet mardet bl-istess marda u mietet meta l-konvenut kien ghad kellu sittax-il sena.

**Komunjoni tal-Akkwisti u Proprjeta' Komuni**.

Jghid illi bhala propjeta' it-tifel tieghu D ghandu nofs indiviz tad-dar taz-zwieg tieghu u ta` l-attrici bil-garage maghha fl-indirizz ta` Carvan, Triq il-Kuncizzjoni Marsaxlokk. **(dan l-indirizz ghandu jigi kancellat minn fuq il-kopja tas-sentenza li tigi mxandra fuq il-website tal-Qorti)**.

Permezz ta` nota presentata fil-15 t`Ottubru 2008, l-partijiet kienu qablu illi din id-dar ghandha valur fis-suq ta` LM70,000 ossia circa (Euros 163,056.14).[12] Tenut kont li l-valur tal-immobbli hawn Malta awmenta mis-sena 2008 sallum ghandu jitqies li l-valur tad-dar matrimonjali u tal-garaxx huwa aktar mis-somma imsemmija.

Il-partijiet xtraw dan il-post qabel ma huma zzewgu. Meta akkwistawh D kien hareg LM15,000 (Euros 34,940.60). Dawn il-flus D kien gemmaghhom mill-qliegh tieghu mix-xoghol. L-attrici kienet ukoll harget somma flus LM3000 (Euros 6,988.12). Il-bilanc li kien fadal LM6000 (Euros 13,976.24 kien hallsu D wara z-zwieg, f`pagamenti ta` LM50 (Euros 116.47) fix-xahar. Fis-seduta tal-14 ta` Marzu 2012[13] l-attrici in kontro-ezami kkonfermat illi d-dar hija mhallsa kollha.

Xhedet ukoll it-tieni mara ta' missier il-konvenut, Catherine B,[14] li ilha hekk mizzewga ghal dawn l-ahhar erbgha u ghoxrien sena. Tghid li l-flus tal-konvenut kienet izzommomlu hi meta kien beda jahdem. Tghid li hi kellha kaxxetta u l-flus ta` D B kienet taqfilhomlu f`din il-

[12] Fol. 50
[13] Fol. 337
[14] Fol. 360

kaxxetta w fil-fatt f`din il-kaxxetta kellu hmistax il-elf liri Maltin. Pero umbaghad huwa ried jixtri post ghax ried jizzewweg lill-attrici u qalilha biex dawn il-flus li kienet izzomlu fil-kaxxetta ttihomlu. Meta tathomlu kienu marru fid-dar ta` attrici u dak il-hin li tathomlu il-hmistax il-elf kien hemm A B, ommha u missierha.

Missier il-konvenut xhed illi l-partijiet xtraw id-dar taghhom gebel u saqaf u minn dan l-istat il-konvenut hadem fiha sakemm gabha abitabbli. Il-konvenut ghamel hafna xoghol f'din id-dar u skond missieru dam madwar sitt snin jahdem fiha u gieli qabbad in-nies biex jahdmulu dak li ma kienx jasal jaghmel hu. Ikompli jghid li missier l-attrici hadmilhom il-fireplace pero' ma jidhirlux illi hlief ghal dan il-fireplace huwa ghamillhom xi haga ohra gewwa din id-dar. Lanqas ma jidhirlu illi hlief missier l-attrici hadmu xi familjari ohra taghha gewwa din id-dar.

Huwa jkompli jghid illi apparti din il-propjeta ibnu m`ghandu xejn aktar. Illum il-gurnata il-konvenut jiehu pensjoni tal-Gvern fl-ammont ta` Euros 447 (LM191.91) fix-xahar (vide dok.C - Fol.115) u applikalu ghaliha hu wara li gie discharged mill-Isptar Monte Carmeli. Dan huwa l-uniku qliegh tieghu u meta jirnexxilu jgemmaghlu xi haga minn din il-pensjoni wara li jhallas l-ispejjes specjali tieghu. Jghid li qabel ma l-marda ta` D hakmitu huwa kien jahdem fil-gebel. Jghid li D kien ilu jahdem mill-eta ta` erbatax il-sena.. Gieli anke hadem bhala night watchman ghal xi zmien sahansitra kellu tlett jobs. Kien jaqla madwar Lm90 fil-gimgha. Jiftakar illi huwa baqa jahdem sakemm gie rikoverat gewwa Monte Carmeli. Jkompli jghid illi wara li hareg mill-Isptar D ma baqax tajjeb ghax-xoghol (vide Dok.D – Fol.116) u ghadu hekk sal-gurnata tal-lum. Jghid ukoll illi permezz tal-avukat tieghu offrew lill-attrici illi l-kura u l-kustodja tat-tifla taghhom Chelle Marie tkun fdata lilha ; dan dejjem bl-intendiment illi t-tifel D jkun jista jara lill-bintu u igawdiha ftit imqar ghal ftit sieghat fil-gimgha. Offrewlha wkoll illi tibqa tghix gewwa d-dar taz-zwieg taghhom, dan purche ibnu jinghata dak li huwa bi dritt tieghu mill-istess dar, fi flus wara li titnaqqaslu somma bhala manteniment ghat-tifla (Vide dok.E – Fol.119). Jkompli jghid illi l-istat ta` mard ta` ibnu hu dak illi hu, u hu ma jistax jahdem. Meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien u D kien ghadu tajjeb ghax-xoghol hu kien jaghtiha kwazi kull sold li jaqla, madwar LM85 (Euros 197.994) fil-gimgha u lanqas cahhad la lilha lanqas lit-tifla minn xejn. Jghid ghalhekk illi llum il-gurnata il-konvenut m'ghandhux minn fejn imantni la lill-attrici u lanqas lill-minuri.

Jghid ukoll illi lill-ibnu irid ihallilu xi haga taht rasu ghal meta hu jigi nieqes. Minghajr sehemu mid-dar D m`ghandu xejn ghajr il-pensjoni li jiehu. Jghid li x-xewqa tieghu bhala missier il-konvenut hi li ibnu u l-minuri jgawdu ftit lil xulxin. (vide Dok.G – fol.126).

**Il-Kondizzjoni Medika tal-partijiet**.

**Il-Psikjatra Dr Ethel Felice** xhedet li l-ewwel darba li kien ezamina lill-konvenut kien fit-28 ta' Marzu 2006. Iccertifika li l-konvenut ibati minn Huntington's desease. Xhedet illi minn din il-marda ma hemmx fejqan u li hi "a progessiv condition".[15] Dwar l-aspetti vizivi ta' din il-marda xhedet hekk: "Caqlieq ahna nghidulhom curio active movement, qishom caqlieq fejn jaffettwaw l-idejn jew is-saqajn jew ir-ras, hija movement disorder, jigifieri minn hemmhekk tibda tara, jew jibdew itellghu spallejhom jew rashom, jiddependi minn kif tipprezentaha. izda D minn dan ma kellux. Jigifieri s-sintomi li hargu iktar psikjatrici, depression u mbaghad kien disinhibited u issa wkoll anke l-intellett tieghu li dan jiehu decizjonijiet, judgements, dawn ukoll jigu affettwati. Ukoll tista' tispicca li dawn jispiccaw qisu a dementia-like picture.". Dr Felice spjegat illi l-ewwel darba li kien irrikorra ghall-kura ghandha kien minhabba agir aggressiv fil-konfront ta' martu, "Issa nafu li certu ghemil, agir f'dik il-kondizzjoni tista' tibda kmieni hafna u ma tkunx taf ezatti x'hemm u x'm'hemmx, u allura jkollok qisu inti tkun taf jistax ikun hemm xi haga ohra barra l-psikosi. In fatti ghalhekk ahna ghamilna t-testijiet, biex inkunu nafu jekk hemmx xi haga organika li tista' tirrispondi, li tkun responsabbli ghal dan l-agir li kien qed ikollu". Dr Felice xhedet illi l-kondizzjoni tieghu timpedih milli jkollu impieg u li ghandu bzonn lil xi hadd li johodlu hsieb il-htigijiet tieghu ta' kuljum. Rizultat iehor ta' din il-marda huwa li dawn it-tip ta' pazjenti ghandhom tendenza li jmutu qabel iz-zmien..

Dr Felice spjegat illi qabel mal-marda timmanifesta ruhha bic-caqlieq ta' partijiet tal-gisem jista' jkun hemm sintomi ta' 'psychiatric conditions" u hafna drabi jistghu jibdew b'dawn is-sintomi u imbaghad ikun hemm xi caqlieq u jindunaw b'din il-kondizzjoni medika. Fil-kaz tal-konvenut irrizulta li hemm storja medika fil-familja peress li anke ommu kienet tbati minn din il-marda li eventwalment mietet.

Imma l-marda hija genetika, jigifieri jekk jiena twelidt b'xi haga genetika, it's a matter of time sakemm tohrog. Hawn min tohroqlu ta' ghoxrin, hawn min tohrog ta' erbghin, u hafna drabi wara li inti jkollok it-tfal li tohrog din il-marda, around thirty or forty the majority. Jigifieri s-sintomi jibdew, imma ma nistax nghid li qabel ma jkunx hemm, hafna drabi qabel ma johorqu t-taqlieq u hekk ikun hemm sintomi psikjatrici li kultant qas tinduna, tkun depression. Jigifieri it's something genetic. Din qieghda hemm, meta ha tohrog".[16]

[15] Fol. 280
[16] Fol. 286

Il-**Psikjatra Dr Joseph Saliba** xhed illi l-ewwel darba li skond il-file tal-isptar l-attrici kienet ghamlet kuntatt mal-isptar kien fit-18 ta' Mejju 2006.[17] Peress li kienet ghaddejja minn perijodu ta' 'depression' kien gie lilha preskritt 'anti depressants'. Mill-file tal-isptar jirrizulta li l-attrici kienet inkwetata hafna li l-kondizzjoni medika li minnha jbati zewgha kienet ser tiritha it-tifla tal-partijiet.

Gie pprezentat certifikat mediku mahluf mill-**Konsulent Psikjatriku Dr Anthony Dimech** fit-3 ta' Ottubru 2011 fejn jiccertifika illi l-attrici "is under my care with severe anxiety and depression complicated by significant physical symptoms. Her condition warranted a period of observation, investigation and treatmentin hospital. Her prognosis is significantly affected by her difficult life circumstances. She remains on combination psychotheraputic medication treatment for her medical condition".

L-esperta gudizzjarja l-**Psikologa Carmen Sammut,** nominata mill-Qorti sabiex tirrelata dwar jekk l-access tal-missier ikuns ta' hsara ghall-minuri, waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

"Wara l-ftit laqghat li kelli mal-minuri, kif ukoll mal-genituri u l-kuraturi, kif ukoll meta nikkonsidra n-noti tal-kaz, nixtieq naghmel dawn il-konkluzjonijiet:

1. Jidher bic-car il-bzonn naturali tal-minuri biex issib xi post f'hajjietha ghall-missierha.

2. Huwa wkoll car li D B mhuwiex f'kundizzjoni mentali tajba biz-zejjed biex wahdu jiltaqa ma' bintu.

3. Jidher ukoll li hemm certa twemminiet ftit infondati dwar x'effett jista' jkollu kuntatt ta' bint ma' missier li ghandu diffikultajiet psikjatrici kemmxejn sinifikanti.

4. Jidher ukoll li hemm ftit tensjoni bejn A B u l-familjari ta' D B.

[17] Fol. 294

Fid-dawl ta' dan li semmejt, nixtieq nemfasizza l-htiega ta' bilanc bejn il-bzonn naturali, u d-dritt, tat-tifla li ssir taf lil missierha, mal-htiega ta' protezzjoni u kura li ghandna jkollna lejn il-minuri fid-decizjonijiet li jsiru. Jiena nixtieq nirrakkomanda li jsiru preparamenti biex Chelle-Marie tkun tista' tibda taghmel kuntatt ma' missierha taht is-supervizzjoni ta' xi social worker psikjatrika f'post newtrali u li hu attrezzat ghat-tfal.Dawn il-kundizzjonijiet jistghu ikunu ta' beneficcju kemm ghat-tifla, ghax jassiguraw li hi tkun protetta u kkurata waqt dan l-access, kif ukoll ghall-missier, li jidher li jista' jkollu diffikulta biex jiehu hsieb u biex jirrelata ma' bintu jekk ma jkunx assistit. Importanti li forsi tkun involuta omm it-tifla f'dan l-istadju ta' preparazzjoni biex ikollha opportunita tinformha ruhha ahjar dwar il-kundizzjoni tal-missier, kif ukoll tiddiskuti l-bizghat li jidher li ghandha.

Peress li jidher li hemm certa tensjoni bejn A u l-familjari ta' D, il-prezenza taghhom, flimkien, waqt l-access ta' D ma' bintu, jista' jfixkel hafna ghax l-access jista' jispicca bhala okkazzjoni ta' tensjoni w konflitt bejniethom. Naturalment, dan jista' jkun ta' danni kemm ghall-minuri kif ukoll ghall-D. Allura nixtieq nishaq fuq il-bzonn ta' preparamenti u kundizzjonijiet adegwati biex dan jigi evitat halli l-access jilhaq l-ghan tieghu."[18]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2013 il-partijiet issottomettew illi una volta z-zwieg ta' bejn il-partijiet gie dikjarat null, l-ewwel u r-raba talba attrici m'ghadhomx aktar applikabbli.

Fl-ewwel talba taghha l-attrici talbet li jigi pronunjzat is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut filwaqt li fir-raba talba attrici il-Qorti giet mitluba tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tal-artikoli 48 u 51 sa 55A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 20 tal-Kapitolu 255** tal-Ligijiet ta' Malta intitolat l-**Att dwar iz-Zwieg** jipprovdi illi:-

*(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.*

[18] Fol. 140

*(2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.*

*(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.*

*(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.*

*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien.*

**Artikolu 23** tal-istess imbaghad jipprovdi illi:-

*(1) Deċiżjoni li tkun saret eżekuttiva, mogħtija minn tribunal, u li tiddikjara n-nullità ta' żwieġ kattoliku għandha, meta parti waħda tkun domiċiljata Malta jew tkun ċittadin ta' Malta, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 24, tiġi rikonoxxuta umar-reġistrazzjoni tagħha skont l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet deċiżjoni minn qorti u li tkun saret resjudicata.*

*(2) Deċiżjoni li tkun saret eżekuttiva, mogħtija minn tribunal, u li ssostni l-validità ta' żwieġ kattoliku għandha, meta parti waħda tkun domiċiljata Malta jew tkun ċittadin ta' Malta, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 24, tiġi rikonoxxuta u mar-reġistrazzjoni tagħha skont l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet deċiżjoni minn qorti u li tkun saret res judicata u għalhekk ma tkunx suġġetta għal ri-eżami fuq l-istess raġunijiet.*

In vista tad-dikjarazzjoni kongunta li ghamlu l-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2013 il-Qorti ser tiddikjara illi mhux ser tiehu konjizzjoni tal-ewwel u tar-raba talba attrici.

Jibqa' ghalhekk jigu decizi it-talbiet rigwardanti l-minuri kif ukoll il-likwidazzjoni tal-assi komuni ta' bejn il-partijiet.

**Kura u Kustodja, Access u Manteniment**.

Irrizulta illi l-konvenut ibati minn zewg kondizzjonijiet medici serji u degenerativi imsejha *schizoaffective disorder* u *Huntington's chorea* li jinfluwixxu serjament fuq il-fakoltajiet tieghu tant li b'digriet tas-26 ta' Mejju 2008 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) il-konvenut gie inabilitat milli jaghmel dawk l-atti li ma humiex ta' semplici amministrazzjoni skond l-artikolu 524 (1) tal-Kap. 12 jekk mhux bl-ghajnuna ta' missieru C B li gie mahtur kuratur sabiex jassistih.

Irrizulta wkoll li anke omm il-konvenut kienet tbati minn l-istess kondizzjoni u li tali kondizzjoni hija ereditarja.

Kif rajna *supra*, Dr Ethel Felice xhedet illi wiehed mis-sintomi li persuna tkun tbati minn din il-kondizzjoni medika hija li ma jkolliex inibizzjonijiet u/jew tagixxi b'mod vjolenti. Il-perit gudizzjarju l-Psikologa Carmen Sammut ghamlitha cara fil-konkluzzjonijiet peritali taghha illi l-kondizzjoni medika tal-konvenut ma tippermettiex li l-access isir minghajr supervizzjoni.

C B xhed illi l-konvenut jghix mieghu u l-minuri Chelle Marie tmur tara lill-missierha kull tlett gimghat. Jghid li ma hemm l-ebda problema dwar l-access.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun esklussivament f'idejn l-attrici. L-access supervizzjonat tal-missier versu l-minuri ghandu jibqa' kif qed isir fil-prezent b'konsultazzjoni bejn C B, l-attrici u l-minuri. F'kaz ta' nuqqas ta' qbil il-partijiet ghandhom jitolbu l-intervent tal-Haddiema Socjali Ingrid Vassallo li qed tigi nominata ghal dan il-ghan bi spejjez taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

Dwar manteniment ghall-minuri, huwa minnu li l-konvenut ma hux f'posizzjoni li jahdem pero' huwa d-dmir tal-kull genitur illi jikkontribwixxi ghat-trobbija ta' uliedu tenut kont il-bzonnijiet tal-minuri u l-mezzi tal-genitur. Minhabba l-kondizzjoni medika tal-konvenut l-attrici spiccat trabbi lill-bint il-partijiet wahedha minghajr l-ebda ghajnuna da parti tal-

konvenut. Is-sitwazzjoni kompliet taggrava peress li lanqas l-attrici ma tahdem u skond it-tabib kuranti taghha tbati minn 'depression' li dwarha giet lilha preskritta medicina. Mix-xhieda prodotta jirrizulta illi wisq probabli tali kondizzjoni giet fuq l-attrici meta skopriet bil-kondizzjoni medika gravi tal-konvenut li dwarha ma kienet taf xejn qabel iz-zwieg.

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-htigijiet tal-minuri li llum ghandha hdax-il sena u l-mezzi limitati tal-konvenut, il-Qorti ser tordna lill-konvenut ihallas bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' tmenin ewro (€80) kull erba' gimghat.

**Dar Matrimonjali**.

Id-dar matrimonjali tappartjeni liz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom u hija l-unika gid komuni bejniethom. Dan il-fond kien inxtara mill-partijiet qabel izzewgu. L-attrici qed titlob li d-dar matrimonjali tigi assenjata lilha fl-intier taghha b'kumpens ghall-hlas tal-manteniment ghaliha u ghall-bintha minuri. Il-konvenut isostni illi ma jezistux l-estremi li jwasslu ghal tali soluzzjoni, apparti li jivvanta kreditu parafernali li qed jistenna li jigi saldat mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

Meta inxtara dan l-immobbli l-konvenut kien hareg is-somma ta' Lm15,000.00 ekwivalenti ghal €43,940.60 filwaqt li l-attrici kienet harget is-somma ta' Lm3,000.00 ekwivalenti ghal €6,988.12. Il-kumplament, Lm6,000, kienu thallsu mill-konvenut waqt iz-zwieg f'pagamenti ta' Lm50 fix-xahar. Il-konvenut kien hadem fl-immobbli *de quo* sabiex minn *shell* jigi konvertit f'post abitabbli. Ghalkemm il-konvenut ma ressaqx provi dokumentarji fir-rigward tax-xogholijiet li huwa ghamel, permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu qed jistieden lill-Qorti sabiex *arbitrio boni viri* tillikwida somma fir-rigward. Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tichad din il-parti tal-pretensjoni tal-konvenut in kwantu ma hiex sodisfacentement ippruvata.

Jirrizulta mill-atti illi permezz ta' nota kongunta pprezentata fil-15 ta' Ottubru 2008 il-partijiet kienu qablu illi l-valur tal-immobbli de quo kien ta' Lm70,000.00 ekwivalenti ghal €163,056.14. Fil-fehma tal-Qorti tali valur jehtieg jigi aggustat sabiex jirrifletti l-awment fil-valur minhabba t-trapass taz-zmien.

Dwar pretensjonijiet ta' terzi fir-rigward ta' xogholijiet li jista' jkun ghamlu fil-fond immobiljari tal-partijiet ma jiffurmawx parti mill-mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk ma hu ser jinghata l-ebda provvediment fir-rigward taghhom.

Ikkunsidrat.

Jirrizulta, u ma hux kontestat, illi ghal hafna snin il-konvenut ma kkontribwixxa xejn ghall-manteniment tat-tifla. Jirrizulta wkoll, u ma hux kontestat, illi l-istat ta' sahha tal-attur ma jippermettilux li jmur jahdem.

Il-Qorti ghalhekk fl-obbligu li ssib bilanc gust bejn id-diversi drittijiet u obbligi tal-partijiet.

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-konvenut ma jahtix ghall-kondizzjoni medika tieghu li timpedih milli jkollu hajja lavorativa. Ghalehkk hija l-fehma tal-Qorti illi ma jkunx gust li l-konvenut jitlef kwalunkwe sehem li huwa ghandu mill-fond matrimonjali unikament minhabba ir-rizultat ta' marda serja u degenerativa li hakmitu u li dwarha ma seta' jaghmel xejn sabiex jinnewtralizzaha.

Jibqa' l-fatt pero' illi b'rizultat ta' dan l-atrici spiccat sabiex ghal numru konsiderevoli ta' snin wahedha terfa l-piz tat-trobbija tat-tifla komuni tal-partijiet. Dan ukoll qed jittiehed in konsiderazzjoni. Il-Qorti tqis li bhala medja l-manteniment li l-missier kellu jikkontribwixxi lill-omm ghall-manteniment tal-minuri ghandu jkun ta' €200.00 fix-xahar ghall-ewwel hames snin u €250.00 ghall-kumplamant. Illum il-minuri ghandha tnax-il sena. Ghalhekk il-konvenut qed jigi kkundannat li jhallas lill-attrici bhala kumpens ghall-manteniment tal-minuri s-somma ta' €12,000.00 ghall-ewwel hames snin u s-somma ta' €21,000.00 ghall-kumplament, b'kollox €33,000.00 liema somma pero' ghandha tigi percepita meta jinbiegh il-fond matrimonjali kif ser jigi ordnat aktar 'l isfel.

Tenut kont tal-fatt li kif irrizulta mit-testimonjanza tal-istess attrci, hija u l-minuri llum jirrisjedu mal-ginituri tal-attrici u mhux fil-fond matrimonjali, l-Qorti ser tordna l-bejgh tieghu.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ parzjalment l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tichadhom fil-kumplament skond ma hu ser jigi deciz aktar ‘l isfel:-

1. Tilqa’ parzjalment l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-partijie minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Tiddikjara li hadd mill-partijiet ma kien jahti ghat-tkissir taz-zwieg.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Chelle Marie tkun esklussivament f’idejn l-attrici b’access favur missierha kif qed isir bhalissa u kif minn zmien ghal zmien jiftehmu l-attrici u l-kuratur tal-konvenut b’konsultazzjoni mal-minuri.

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghall-minuri Chelle Marie bir-rata ta’ €150.00 fix-xahar mit-twelid sakemm il-minuri ghalqet hames snin, ammontanti ghal €9,000.00, u bir-rata ta’ €200.00 fix-xahar minn meta ghalqet hames snin fl-24 ta’ Lulju 2007 sallum ammontanti ghal €18.000, b’kollox €27,000. Ghalaqstant tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma globali fuq imsemmija ta’ sebgha u ghoxrien elf ewro (€27,000) bhala arretrati ta’ manteniment sallum, liema somma ghandha tithallas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali li qed jigi ordnat aktar ‘l isfel.

4. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici somma wahda globali ta’ ghoxrien elf ewro (€20,000) b’kumpens ghall-manteniment futur dovut ghall-minuri liema somma ghandha wkoll tithallas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali li qed jigi ordna aktar ‘l isfel.

5. Tichad ir-raba talba attrici.

6. Tilqa l-hames talba attrici, tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida l-istess billi tordna l-bejgh, taht l-awtorita’ tal-Qorti tal-fond “Carven”, Triq il-Kuncizzjoni, Marsaxlokk li ghall-finijiet tal-irkant qed jinghata l-valur ta’ mitejn u hamsin elf ewro (€250,000).

7. Tiddikjara illi l-attrici hi kreditrici tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet fis-somma ta' €6,988.12 filwaqt li l-konvenut hu kreditur tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet fis-somma ta' €34,940.60. Tordna li mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali u qabel issir id-divizzjoni ta' l-istess rikavat, l-attrici tippercepixxi s-somma ta' €6,988.12 filwaqt li l-konvenut jippercepixxi s-somma ta' €34,940.60.

8. Tordna illi l-bilanc mir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Minn sehem il-konvenut, sew dak parafernali kif ukoll dak mill-komunjoni, ghandu jithallas lill-attrici s-somma ta' €47,000 kif fuq ordnat.

9. Tichad is-sitt talba.

10. Tilqa' s-seba' talba kif dedotta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------